MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 48/2005

**Nardu BALZAN IMQAREB**

**vs**

**DIRETTUR TAS-SIGURTA’ SOĊJALI**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fis-6 ta’ Ottubru, 2005, li bih, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrent talab li l-intimat jagħtih lura l-pensjoni li r-rikorrent kien intitolat għaliha taħt is-sistema SA, wara li mill-ammont jitnaqqas l-imgħax li r-rikorrent jirċievi minn flejjes li għandu depożitati fil-bank, u talab ukoll li l-intimat ikun kundannat iħallsu kumpens talli ċaħħdu mill-pensjoni mit-23 ta’ Jannar, 2002, sallum, liema kumpens ma għandux ikun anqas minn tlieta minn erbgħa ($^{3}/_{4}$) tal-ammont tal-pensjoni li jingħata bħalissa taħt is-sistema SA;

Rat it-Tweġiba mressqa fl-14 ta' Ottubru, 2005, li biha l-intimat laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi qal li ma hemm xejn fl-allegazzjonijiet tar-rikorrent li jwassal għall-fehma li nkiser jew sejjer jinkiser il-jedd għall-ħajja tal-istess rikorrent. Minbarra dan, il-jedd li wieħed jibbenefika minn pensjoni tal-għajnuna soċjali huwa mibni fuq l-eżami tal-meżżi ta' dak li jkun u tali għajnuna tingħata biss lil dawk li jistħoqqilhom u li m'għandhomx meżżi biex jgħajxu lilhom infushom, u dan fuq kriterji oġġettivi applikabbli għal kulħadd. Fl-aħħarnett jgħid li r-rikorrent kellu rimedju ieħor ordinarju biex jikkontesta d-deċiżjoni tal-intimat li jwaqqaflu l-għajnuna;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-1 ta' Frar, 2006, li fih ir-rikorrent, fuq stedina magħmula mill-Qorti biex tqabbadlu avukat biex jidher għalih, irreġistra r-rieda tiegħu li ma jkollux avukat;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat waqt is-smigħ tas-16 ta' Marzu, 2006;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent;

Rat in-Noti mressqin mir-rikorrent fl-10 ta' Mejju, 2006, u fis-6 ta' Ġunju, 2006, flimkien mad-dokumenti mehmużin magħhom;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-23 ta' Ġunju, 2003, li fih ir-rikorrent iddikjara li ma kellu xejn x'iżid mal-provi li ressaq, filwaqt li l-intimat talab li l-Qorti tħallih iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat li, minkejja li l-Qorti tat lill-intimat żmien biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu, dan naqas li jottempera ruħu;

Rat ir-rikors imressaq mir-rikorrent fit-23 t'Awissu, 2006, bid-dokumenti mehmużin miegħu;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-5 ta' Ottubru, 2006, li fih il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija talba għal allegat ksur ta’ dritt fondamentali minħabba ċ-ċaħda ta’ ħlas ta’ pensjoni f’somma xierqa. Ir-rikorrent jgħid li huwa kien għamel operazzjoni maġġura biex jitneħħielu kankru mill-istonku tiegħu, minn liema operazzjoni kien baqa’ invalidat fiżikament għall-bqija ta’ għomru. Kien eżaminat minn Bord Mediku li qatagħha li l-Gvern kellu joħroġ lir-rikorrent pensjoni biex ikun jista’ jikkura lilu nnifsu. Bis-saħħa ta’ hekk, l-intimat kien beda joħroġ pensjoni lir-rikorrent taħt is-sistema SA, sa Jannar tal-2002, meta l-ħlas ta’ dik il-pensjoni twaqqaf minħabba li r-rikorrenti u l-membri tal-familja tiegħu irriżulta li kellhom kapital li jaqbeż l-erbat elef lira Maltija. Dan baqa’ sejjer sa tard fl-2005, meta l-intimat bagħatlu “pensjoni” ta’ wieħed u għoxrin lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm 21.60) għall-perjodu ta’ tliet (3) xhur. Ir-rikorrent jgħid li b’hekk qiegħed iġarrab ksur tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, għaliex ir-rikorrent qiegħed imut “irqiq irqiq” billi l-ħlas esigwu[1] li qiegħed jibgħatlu d-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali m’huwiex biżżejjed biex ir-rikorrent jgħajjex lilu nnifsu;

Illi għall-imsemmija pretensjonijiet, l-intimat laqa’ billi qal li dak li r-rikorrent qiegħed jirċievi huwa dak li jistħoqqlu u dan bl-applikazzjoni kif imiss tal-liġijiet ta’ previdenza soċjali tal-pajjiż. Jisħaq li r-rikorrent ma jistax jippretendi li l-liġi ma titħarisx sabiex ir-rikorrent jingħata dak li lil ħaddieħor ma jingħatax. Fuq kollox, jgħid li r-rikorrent seta’, kieku ried, fażilment iressaq l-ilment tiegħu meta l-pensjoni twaqqfitlu, imma dan naqas li jagħmlu;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li r-rikorrent għandu disgħa u sebgħin (79) sena. Fl-1985, ir-rikorrent kellu bżonn jagħmel operazzjoni ewlenija li fiha tneħħieltu biċċa mill-istonku tiegħu. B’riżultat ta’ hekk, ma setax jaħdem aktar. Bord mediku maħtur taħt l-Att dwaris-Sigurta’ Soċjali kien rah u qatagħha li ma kienx tajjeb

[1] Liema ħlas jammonta għal Lm 1.44 kull ġimgħa

aktargħax-xogħol u irrakkomanda li r-rikorrent jingħata pensjoni. Ir-rikorrent kien jingħata għajnuna soċjali fis-somma ta' Lm 10.86 kull ġimgħa b'effett minn Frar tal-1986[2]. Dan baqa' sejjer sa' Jannar tal-2002, meta d-Dipartiment avża[3] lir-rikorrent li dik l-għajnuna kienet qegħda titwaqqaf għaliex ħareġ li hu u l-familja tiegħu kellhom ġid li jiswa aktar minn erbat elef lira Maltija (Lm 4,000);

Illi f'Ġunju tal-2005, ir-rikorrent kien talab lill-intimat jerġa' jikkunsidra li joħroġlu pensjoni u hu (jiġifieri r-rikorrent) kien lest li jagħti lura lill-Gvern kull ammont ta' mgħax li huwa jdaħħal mid-depożiti bankarji f'ismu[4]. Ir-rikorrent jgħid li ma għandu l-ebda dħul biex jgħix għajr l-imsemmi mgħax. Fl-1 ta' Ottubru, 2005[5], l-intimat ħareġ "*Allowance Supplementari*". Fis-6 ta' Ottubru, 2005, infetħet il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jolqtu dan il-każ jikkonċernaw kemm aspetti sostantivi u kif ukoll proċedurali. Dwar tal-ewwel, jirriżulta li r-rikorrent għażel li jibni l-azzjoni tiegħu fuq l-allegat ksur tal-jedd fundamentali għall-ħarsien tad-dritt tal-ħajja. Ir-rikorrent għażel li jirreferi biss għall-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u ma jsemmi bl-ebda mod l-artikolu korrispondenti tal-Konvenzjoni[6]. Fir-rigward tat-tieni aspett, tqanqlet il-kwestjoni dwar jekk ir-rikorrent setax jinqeda b'rimedju ordinarju biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu u, f'każ li tassew kellu rimedju bħal dak, jekk inqediex bih;

Illi **dwar l-allegat ksur tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni,** xieraq li wieħed josserva li dan il-jedd fundamentali ewlieni għandu għan speċifiku fis-sistema ġuridiku Malti. Jaħseb biex iħares lil kull individwu minn telf ta' ħajtu b'għamil maħsub ta' ħaddieħor. L-artikolu in kwestjoni jorbot lill-Istat milli jneħħi l-ħajja ta' persuna jekk mhux fl-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' Qorti dwar reat li dwaru dik il-persuna tkun instabet ħatja. Dan l-artikolu jidher li għandu applikazzjoni anqas wiesgħa mill-artikolu korrispondenti

---

[2] Dok f'paġ. 43 tal-proċess
[3] Dok "B", f'paġ. 5 tal-proċess
[4] Dok "Ċ", f'paġ. 6 tal-proċess
[5] Dok "D", f'paġ. 7 tal-proċess
[6] Art. 2 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta

tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, fejn jitnissel ukoll obbligu preventiv fuq l-Istat li jieħu l-mezzi kollha meħtieġa biex jara li l-ħajja tal-persuni tkun imħarsa kif imiss;

Illi, fi kliem ieħor, ma jidhirx li l-jedd fundamentali ta' ħarsien tal-ħajja ta' persuna jiġbor fih il-jedd ta' manteniment xieraq li l-Istat, taħt obbligi oħrajn li huwa għandu lejn iċ-ċittadini tiegħu fil-bżonn, jista' jfassal b'liġijiet speċjali. Ir-rikorrent jibni l-pretensjoni tiegħu kollha fuq il-fatt li jqis li l-ħlas żgħir ta' għajnuna soċjali li huwa qiegħed jirċievi mingħand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jista' jitqabbel ma' għamil li qiegħed joħodlu ħajtu bil-mod il-mod. Din il-Qorti ma hix tal-istess fehma, minħabba li l-ammont ta' għajnuna soċjali li persuna tingħata jew ma tingħatax mill-Istat bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma tista' tinkwadra ruħha f'għamil li jilledi d-dritt għall-ħajja. Il-jedd li persuna tistenna li tingħata għajnuna soċjali xierqa għaliex ma tkunx kapaċi aktar għax-xogħol jew għaliex ma jkollhiex mezzi meħtieġa huwa jedd li l-Kostituzzjoni tagħna tagħti liċ-ċittadin[7], imma ma tqisx ksur ta' dak il-jedd bħala ksur ta' jedd fundamentali mħares band'oħra fl-istess Kostituzzjoni, wisq anqas bħala ksur tal-jedd fundamentali għall-ħajja;

Illi, minbarra dan, mill-ftit provi li tressqu f'dan il-każ, jirriżulta bla ebda kontestazzjoni li r-rikorrent tassew kien tqies li ma setax jaħdem aktar wara l-operazzjoni li kellu jagħmel. M'hemmx dubju lanqas li l-mekkaniżmu li ntuża biex jiddetermina li huwa kien invalidat mix-xogħol għall-bqija ta' ħajtu kien l-istess mekkaniżmu li, għall-bidu, ipprovdielu l-għajnuna soċjali li ngħatatlu. Kulma sar, seħħ u tmexxa bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Att X tal-1987[8]. Jidher li r-rikorrent qagħad għal dak il-proċess, u saħansitra jisħaq li l-jeddijiet sħaħ tiegħu joħodhom mill-ġdid bl-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Ladarba ntwera li l-għajnuna li kien qiegħed jieħu sal-2002 kienet waħda mkejla fuq il-mezzi ta' dak li jkun, ir-rikorrent ma jistax jilmenta li l-intimat kien inġust miegħu jekk kemm-il darba waqqaflu l-għajnuna

[7] Art 17(1)
[8] Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta

billi jirriżulta li r-rikorrent u d-dipendenti li seta' kellu, kellhom il-mezzi li jillimitaw dik l-għajnuna;

Illi dan jidher sewwa mill-fatt li r-rikorrent illum il-ġurnata jagħraf li d-dħul (imqar jekk mhux kbir) li huwa għandu minn depożiti bankarji huwa ta' xkiel biex jingħata għajnuna soċjali akbar minn dik ċkejkna li qiegħed jingħata fil-preżent. Kemm hu hekk, fir-rikors innifsu huwa saħansitra jipproponi li huwa jirrinunzja għall-imgħax kollu li qiegħed jirċievi u jċedih favur l-intimat biex dan ikun ħieles li jawtorizza l-għoti ta' għajnuna soċjali akbar. Fi kliem ieħor, qiegħed jipproponi speċi ta' tpartit. Għalhekk, jidher sewwa li l-problema tar-rikorrent m'huwiex daqstant l-għamil inġust tal-intimat daqskemm ix-xkiel maħluq bil-ġid u l-meżżi tar-rikorrent innifsu;

Illi, fid-dawl ta' dan kollu, għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-intimat jaħti tal-ksur tad-dritt fundamentali li jixlih bih ir-rikorrent;

Illi, fid-dawl ta' din il-konklużjoni, u apparti dak li sejjer jissemma aktar 'il quddiem, il-Qorti ma tistax tagħti l-ordnijiet lill-intimat għall-għoti tal-pensjoni mill-ġdid u għall-ħlas tal-kumpens li r-rikorrent qiegħed jippretendi għaż-żmien kollu li din kienet inżammitlu;

Illi **dwar l-aspett ta' jekk ir-rikorrent għandux meżżi oħra ta' rimedju** li jista' jinqeda bihom, jibda biex jingħad li jinsab stabilit sewwa mill-Qrati tagħna li r-rimedju li wieħed ifittex f'sedi Kostituzzjonali jew Konvenzjonali huwa wieħed straordinarju. Dan il-meżż jingħata biss jekk kemm-il darba l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex id-drittijiet tal-individwu u fejn l-Istat ikun għalhekk naqas mid-dmirijiet tiegħu lejn iċ-ċittadini tiegħu. Ir-rimedji taħt il-liġijiet għall-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali jingħataw biss f'dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji, u jkun qiegħed jitwaqqa' s-siwi ta' dawk id-dispożizzjonijiet jekk jiġu wżati fejn rimedju taħt il-liġi ordinarja jkun tajjeb u biżżejjed[9];

---

[9] Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiantar vs Kummissarju tal-Pulizija***

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, joħorġu żewġ ċirkostanzi importanti li jixħtu dawl tajjeb fuq il-konsiderazzjoni li għadha kemm saret. L-ewwel waħda hi li fl-2002, meta d-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali bagħat jgħarraf lir-rikorrent li kien se’ jwaqqaflu l-ħruġ tal-għajnuna soċjali li kien qiegħed jirċievi sa dak inhar, kien għarrfu wkoll fl-istess avviż li, jekk ried, ir-rikorrent seta’ jappella minn dik id-deċiżjoni. Għal xi raġuni li jaf huwa biss, ir-rikorrent naqas li jagħmel dan. Hawnhekk żgur ma setax jorbot din l-għażla tiegħu mad-diffikulta’ li huwa sab biex jaħtar avukat ħalli jassistih, u dan għaliex l-appell amministrattiv mid-deċiżjoni tal-intimat tista’ ssir bl-akbar informalita’ mill-persuna aggravata nnifisha. Ir-rimedju li kellu r-rikorrent kien ukoll wieħed effettiv, fis-sens li ma kienx proċedura li ma twassal għal imkien. Fuq kollox, bejn meta ttieħdet id-deċiżjoni li titwaqqaf l-għajnuna soċjali sa ma r-rikorrent reġa’ qanqal il-kwestjoni, għaddew aktar minn tliet snin;

Illi, minbarra dan, tirriżulta ċirkostanza oħra wkoll li mhix traskurabbli. Meta, matul l-2005, ir-rikorrent safa bla servizz tat-telefon f’daru, huwa beda jittanta jirranġa li s-servizz jingħatalu lura mqar b’sussidju. M’hemmx dubju li dak is-servizz kien kruċjali għar-rikorrent, li llum il-ġurnata jgħix waħdu, f’dar imwarrba u fil-qagħda mwegħra ta’ saħħtu. Minħabba li ngħata suġġeriment li huwa jista’ jikseb għajnuna soċjali biex jitħallas dak is-sussidju, r-rikorrent applika mad-Dipartiment immexxi mill-intimat u dan ħariġlu l-għajnuna soċjali li r-rikorrent qiegħed jingħata bħalissa. Kien wara li ntbagħtlu l-ħlas tal-ewwel tliet xhur li r-rikorrent fetaħ din il-kawża. Fi kliem ieħor, ir-rikorrent qiegħed jitlob ir-rimedju kostituzzjonali wara li, tajjeb jew ħażin, irċieva ħlas fuq sempliċi talba li huwa nnifsu għamel lid-Dipartiment konċernat. Din il-ġrajja tkompli turi li r-rikorrent irrikorra għal rimedju ordinarju (imqar jekk ukoll mingħajr il-ħtieġa li jiftaħ kawża f’Qorti) li għandu, u li dak ir-rimedju ma ntilifx minkejja li, għal żmien ta’ aktar minn tliet snin, naqas li jirrikorri għalih;

Illi għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li f’dan l-aspett ukoll il-qagħda tar-rikorrent ma twassalx biex l-ilment kostituzzjonali tiegħu jintlaqa’;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tilqa’ l-eċċezzjonijiet** tal-intimat;

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent**, bl-ispejjeż kontrih, u dan għaliex ma jirriżultax il-ksur tal-jedd fundamentali li fuqu bena l-pretensjonijiet tiegħu.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------